MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Rikors Numru. 275/2011

**David Vincenti**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn David Vincenti fl-20 ta' Dicembru 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jilqa' s-sottomissjonijiet tieghu, fejn qed jintalab illi l-applikazzjoni tieghu ghal licenza ta' Gwardjan Privat tigi milqugha, bhala gusti u li jimmeritaw li jigu akkolti; (ii) jiddikjara li l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kaz odjern ma ghandux jigi applikat biex jipprekludih milli jinghata licenza ta' Gwardjan Privat, u dan stante li l-ebda disposizzjoni mill-Artikolu 10(a) (i) sa' (vi) ma hija applikabbli ghall-applikazzjoni in kwistjoni; (iii) jiddikjara li l-hrug ta' licenza favur tieghu, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma jmurx kontra l-interess pubbliku; (iv) konsegwentement jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju

tal-Pulizija datata 16 ta' Novembru 2011 fejn l-applikazzjoni tieghu ma gietx miluqgha skond l-Artikoli 10(a) u (b) ta' l-Att XIII ta' l-1996; u li (v) l-applikazzjoni tieghu ghall-licenza ta' Gwardjan Privat tigi milqugha u tinhariglu l-licenza relattiva; bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A sa' Dok."D" a fol. 11 sa' 17 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed sabiex jiggustifikaw id-decizjoni tieghu li ma jaghtix licenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent; (ii) l-ittra mibghuta lir-Rikorrent permezz ta' liema gie infurmat li ma nghatax il-licenza ta' Gwardjan Privat kien fiha elenkati r-ragunijiet moghtija mill-Ligi stess li fuqhom huwa gie skwalifikat milli jkollu tali licenza; (iii) ir-Rikorrent jaf ben tajjeb li hu nstab hati ta' reat li jmur kontra l-bon ordni tal-familja u minhabba f'hekk ma tistax tinhariglu licenza ta' Gwardjan Privat; (iv) jekk ir-Rikorrent jidhirlu li l-Ligi qed ittelliflu xi opportunità li jsib xoghol f'dan il-qasam, it-Tribunal ma huwiex il-forum kompetenti ghal tali ilment; (v) il-principji ta' gustizzja riparattiva li ghalihom jaghmel referenza r-Rikorrent fir-Rikors promotur ma ghandhomx jigu kkunsidrati f'dan il-kaz peress illi ma humiex parti mill-Ligijiet ta' Malta; (vi) il-fatt li r-Rikorrent kien minorenni meta wettaq ir-reat huwa irrilevanti stante li l-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghmel assolutament l-ebda kwalifika dwar minorenni jew maggorenni fiz-zmien tat-twettiq tar-reat; (vii) il-fatt li s-sentenza ta' kundanna giet moghtija qabel ma dahal fis-sehh is-subartikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta mhux rilevanti ghall-kaz in ezami peress illi r-Rikorrent applika ghal licenza ta' Gwardjan Privat wara li l-imsemmi subartikolu tal-Ligi dahal fis-sehh u ghalhekk l-applikazzjoni tieghu tinsab regolata mill-Ligi kif kienet fil-mument li fih applika; (viii) fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni ghal licenza ta' Gwardjan Privat tigi kkunsidrata l-fedina penali ta' l-applikant u mhux

ic-certifikat tal-kondotta u dana billi certi reati li ghalihom ikun instab hati l-applikant u l-pieni relattivi ma jibqghux jidhru fuq ic-certifikat tal-kondotta wara certu zmien izda jibqghu jidhru fuq il-fedina penali. L-intenzjoni tal-legislatur kienet illi persuni li jinstabu hatja ta' certa reati partikolari qatt ma jkunu eligibbli biex jottjenu licenza ta' Gwardjan Privat u ghalhekk wiehed ma jistax jistrih fuq ic-certifikat tal-kondotta izda fuq il-fedina penali; (ix) ghalkemm il-genituri tal-minorenni involuti fil-kaz kriminali li ghadda minnu r-Rikorrent irtiraw il-kwereli taghhom kontra l-istess Rikorrent, jibqa' l-fatt li r-Rikorrent ammetta li kien wettaq ir-reati li gie akkuzat bihom; u (x) in bazi ghal provi li se jitressqu, se jigi ppruvat li ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhareg licenza ta' Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent;

Ra d-dokumenti a fol. 38 sa' 61 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi[1] u tal-Probation Officer Maria Mifsud[2] moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2012, sema' x-xhieda ta' l-Ispettur Raymond Aquilina[3] u tal-Psikologu Kevin Sammut Henwood[4] moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2012 u ra d-dokumenti esebiti mill-Ispettur Raymond Aquilina markati Dok. "RA1" u Dok. "RA2" a fol. 75 u 76 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 16 ta' Novembru 2011[5] ir-Rikorrent gie infurmat mill-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija li t-talba tieghu ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat ma gietx milqugha skond l-Artikolu 10(a) u (b) ta' l-Att XIII ta' l-1996. Ir-Rikorrent hass ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u

[1] Fol. 62 u 63 tal-process.
[2] Fol. 64 sa' 68 tal-process.
[3] Fol. 77 sa' 80 tal-process.
[4] Fol. 81 sa' 84 tal-process.
[5] Dok. "B" a fol. 13 tal-process.

ghalhekk intavola l-appell odjern fejn essenzjalment qed jitlob ir-revoka ta' dik id-decizjoni u l-konsegwenti hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat favur tieghu. Ir-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fuq is-segwenti tlett aggravji: (i) ir-raguni tal-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rifjut fejn gie invokat biss l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 in generali hija wahda ingusta u mhux sostanzjata[6]; (ii) l-Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandux jigi applikat fil-konfront tieghu stante li meta kkommetta r-reat li tieghu nstab hati huwa kellu sittax-il sena u li l-parte civile rrinunzjaw ghall-proceduri fil-konfront tieghu u s-sentenza ta' htija nghatat biss ghaliex il-proceduri kienu *ex officio*. L-applikazzjoni ta' dan il-provvediment tal-Ligi fil-konfront tieghu jwassal biex zball li huwa ghamel meta kien minorenni jtelliflu l-opportunità darba ghal dejjem li jsib xoghol, sitwazzjoni din li tmur ghal kollox kontra l-principju tal-gustizzja riparatrici[7]; u (iii) huwa ma huwiex ta' xi minaccja ghall-interess pubbliku u kemm-il darba kellu jinghata licenza ta' Gwardjan Privat dan ikun ta' gid kemm ghalih kif ukoll ghas-socjetà[8].

Il-Kummissarju tal-Pulizija jikkontesta l-appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni tas-16 ta' Novembru 2011 u jikkontendi li: (i) kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent kien hemm ragunijiet validi u b'sahhithom bizzejjed sabiex jiggustifikaw id-decizjoni tieghu li ma jaghtix licenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent; (ii) l-ittra mibghuta lir-Rikorrent permezz ta' liema gie infurmat li ma inghatax il-licenza ta' Gwardjan Privat kien fiha elenkati r-ragunijiet moghtija mill-Ligi stess li fuqhom huwa gie skwalifikat milli jkollu tali licenza; (iii) ir-Rikorrent jaf ben tajjeb li hu nstab hati ta' reat li jmur kontra l-bon ordni tal-familja u minhabba f'hekk ma tistax tinhariglu licenza ta' Gwardjan Privat; (iv) jekk ir-Rikorrent jidhirlu li l-Ligi qed ittelliflu xi opportunità li jsib xoghol f'dan il-qasam, it-Tribunal ma huwiex il-forum kompetenti ghal tali ilment; (v) il-principji ta' gustizzja riparattiva li ghalihom jaghmel referenza r-Rikorrent fir-Rikors promotur ma ghandhomx

---

[6] Para. C(i) tar-Rikors promotur.
[7] Para. C(ii) tar-Rikors promotur.
[8] Para. C(iii) tar-Rikors promotur.

jigu ikkunsidrati f'dan il-kaz peress illi ma humiex parti mill-Ligijiet ta' Malta; (vi) il-fatt li r-Rikorrent kien minorenni meta wettaq ir-reat huwa irrilevanti stante li l-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghmel assolutament l-ebda kwalifika dwar minorenni jew maggorenni fiz-zmien tat-twettiq tar-reat; (vii) il-fatt li s-sentenza ta' kundanna giet moghtija qabel ma dahal fis-sehh is-subartikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta mhux rilevanti ghall-kaz in ezami peress illi r-Rikorrent applika ghal licenza ta' Gwardjan Privat wara li l-imsemmi subartikolu tal-Ligi dahal fis-sehh u ghalhekk l-applikazzjoni tieghu tinsab regolata mill-Ligi kif kienet fil-mument li fih applika; (viii) fil-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni ghal licenza ta' Gwardjan Privat tigi kkunsidrata l-fedina penali ta' l-applikant u mhux ic-certifikat tal-kondotta u dana billi certi reati li ghalihom ikun instab hati l-applikant u l-pieni relattivi ma jibqghux jidhru fuq ic-certifikat tal-kondotta wara certu zmien izda jibqghu jidhru fuq il-fedina penali. L-intenzjoni tal-legislatur kienet illi persuni li jinstabu hatja ta' certa reati partikolari qatt ma jkunu eligibbli biex jottjenu licenza ta' Gwardjan Privat u ghalhekk wiehed ma jistax jistrih fuq ic-certifikat tal-kondotta izda fuq il-fedina penali; (ix) ghalkemm il-genituri tal-minorenni involuti fil-kaz kriminali li ghadda minnu r-Rikorrent irtiraw il-kwereli taghhom kontra l-istess Rikorrent, jibqa' l-fatt li r-Rikorrent ammetta li kien wettaq ir-reati li gie akkuzat bihom; u (x) in bazi ghal provi li se jitressqu, se jigi ppruvat li ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhareg licenza ta' Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.

It-Tribunal se jittratta l-aggravji sollevati mir-Rikorrent u l-kontestazzjonijiet korrispondenti tal-Kummissarju tal-Pulizija b'mod individwali.

**Ir-raguni tal-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rifjut fejn gie invokat biss l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 in generali hija wahda ingusta u mhux sostanzjata:**

Kif gustament osservat mir-Rikorrent, ai termini ta' l-Artikolu 11(1) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta *jekk il-Kummissarju jirrifjuta li johrog licenza lill-applikant biex jahdem bhala agenzija ta' gwardjani privati jew bhala gwardjan privat, dan ghandu minnufih jikkomunika bil-*

*miktub dik id-decizjoni lill-applikant fejn jaghtih ir-raguni ghal dak ir-rifjut: Izda f'kaz ta' rifjut taht l-artikolu 10(b), ikun bizzejjed li jiddikjara li il-licenza tkun giet rifjutata fl-interess pubbliku*.

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li f'kaz ta' rifjut ta' talba ghall-hrug jew tigdid ta' licenza ta' Gwardjan Privat il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jaghti indikazzjoni cara tar-raguni in bazi ghal liema t-talba relattiva tkun qed tigi michuda. Dan ifisser ghalhekk – kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Kummissarju tal-Pulizija fir-Risposta tieghu – illi s-semplici indikazzjoni generika ta' l-Artikolu tal-Ligi fuq liema l-Kummissarju tal-Pulizija jkun qed jibbaza r-rifjut tieghu, anke fejn si tratta ta' rifjut fl-interess pubbliku, ma tissodisfax ghal kollox dak provdut fil-Ligi. Ghalkemm is-semplici indikazzjoni generika ta' l-Artikolu tal-Ligi fuq liema il-Kummissarju tal-Pulizija jkun ibbaza r-rifjut tieghu ma twassalx ghan-nullità tad-decizjoni, huwa rakkomandabbli illi fil-futur il-Kummissarju tal-Pulizija ma jillimitax ruhu li jikkwota biss l-Artikolu tal-Ligi fuq liema jkun ibbaza r-rifjut tieghu izda, li jindika r-raguni **partikolari** fuq liema jkun qed jibbaza tali rifjut. B'hekk fejn ic-cahda tkun ibbazata fuq l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jindika liema wahda jew iktar mis-sitt cirkostanzi tkun qed tigi applikat fil-konfront ta' l-applikant u fejn ic-cahda tkun ibbazata fuq l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta jghid b'mod car li t-talba tkun qed tigi rifjutata fl-interess pubbliku.

In-necessità li awtorità pubblika – f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija – taghti indikazzjoni cara tar-raguni ghar-rifjut ta' talba partikolari mressqa quddiemha tirrizulta minn dak osservat fil-ktieb "Administrative Law" ta' H.W.R. Wade u C.F. Forsyth (10$^{th}$ Edition) fejn jinghad illi *the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. <u>Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed</u>*

*against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and error of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review*[9]*. Natural justice may provide the best rubric for a healthy discipline for all who exercise power over others. … Given that statute now frequently requires reasons or it is clear that the common law requires reasons, disputes often concern whether the reasons given are adequate. In the leading case the House of Lords has said that: "The reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational declaration on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration … Decision letters must be read in a straightforward manner, recognizing that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced* [South Bucks District Council v. Porter (No.2) (2004) UKHL 33, (2004)][10].

Ghalkemm dan il-principju gie enuncjat fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv Ingliz ma' hemmx dubju li japplika wkoll ghas-sistema nostrali u ghalkemm *reasons can be briefly stated* mill-awtorità pubblika koncernata u *decision letters must be read in a straightforward manner, recognising that they are addressed to parties well aware of issues involved and arguments advanced*, xorta huwa

[9] Sottolinear tat-Tribunal.
[10] Chap.14 The Right to a Fair Hearing – pg. 436, 439 u 440.

desiderabbli li f'kaz ta' molteplicità ta' ragunijiet li jistghu jwasslu lill-awtorità ghad-decizjoni taghha, ir-raguni specifika fuq liema dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi debitament indikata.

Nonostante dak appena osservat, it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjoni tar-Rikorrent li fil-kaz in ezami d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija in kwantu ibbazata fuq l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta hija ingusta u mhux sostanzjata ghaliex ma giex indikat b'mod preciz liema wahda mis-sitt cirkostanzi elenkati f'dak l-artikolu tal-Ligi giet applikata fil-konfront tieghu. Mill-atti processwali u mill-provi prodotti mir-Rikorrent stess jirrizulta li ghalkemm fl-ittra tas-16 ta' Novembru 2011 gie indikat biss l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa fehem li r-raguni dedotta kontra tieghu kienet dik indikata fis-subparagrafu (vi) ta' l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li instab hati f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi reat li jaffetwa l-bon ordni tal-familji.

Trattat dan l-aggravju t-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta t-tieni aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu bl-ittra datata 16 ta' Novembru 2011.

**L-Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz in ezami:**

Il-partijiet kontendenti ssollevaw diversi argumenti u ressqu diversi sottomissjonijiet in sostenn u b'opposizzjoni ghal dan l-aggravju izda, fil-fehma tat-Tribunal l-unika sottomissjoni li timmerita konsiderazzjoni hija dik illi l-Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami ghaliex bis-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Dicembru 2010[11], ir-Rikorrent tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn, bl-obbligu li jzomm kuntatt mal-psikologu tieghu ghal perijodu ta' sentejn.

---

[11] Dok. "C" a fol. 14 sa' 16 tal-process.

L-Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *l-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta l-applikant jew xi ufficjal ta' l-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant - … tkun instabet hatja f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi reat li jaffetwa l-bon ordni tal-familji*, ma japplikax ghall-kaz in ezami fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 25(1) ta' l-Att dwar il-Probation, Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta: *bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun*[12]*, minbarra – (a) il-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, u (b) fil-kaz ta' ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tittiehed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat: Izda meta hati, li jkollu mhux inqas minn tmintax-il sena età fiz-zmien tad-dikjarazzjoni ta' htija ta' reat li dwaru jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew jigi kondizzjonalment liberat kif hawn qabel imsemmi, sussegwentement jinghata sentenza ghal dak ir-reat, id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ghandhom itemmu japplikaw ghal dik id-dikjarazzjoni ta' htija.*

B'hekk ladarba ai termini ta' l-Artikolu 25(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht il-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja, li ai termini ta' l-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi tinkludi Ordni ta' Probation, ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun, il-Kummissarju tal-Pulizija qatt ma seta' legittimatment jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat fuq il-bazi ta' dak provdut fl-Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta'

[12] Sottolinear tat-Tribunal.

Malta. Konsegwentement ghalhekk, id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront tar-Rikorrent in kwantu impostata fuq l-imsemmi Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta, hija zbaljata u timmeritax konferma.

Jifdal ghalhekk li jigi trattat it-tielet u l-ahhar aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu bl-ittra datata 16 ta' Novembru 2011.

**Ir-Rikorrent ma huwiex ta' xi minaccja ghall-interess pubbliku u kemm-il darba kellu jinghata licenza ta' Gwardjan Privat dan ikun ta' gid kemm ghalih kif ukoll ghas-socjetà:**

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi jirrizulta li minhabba r-reat li wettaq ir-Rikorrent il-Kummissarju tal-Pulizija qies li ma jkunx fl-interess pubbliku li l-istess Rikorrent jinghata licenza ta' Gwardjan Privat. In effetti waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2012[13] l-Ispettur Zrinzo Azzopardi xehdet illi *inhass ukoll li ma jkunx fl-interess pubbliku li David Vincenti jinghata licenzja u dan peress li waqt il-qadi ta' dmirijietu bhala gwardjan privat dan jista' jigi f'kuntatt ma' tfajliet taht l-età u dana ezempju jekk jintbaghat mill-agenzja biex joqghod bhala security waqt xi teen party u wara dak li gara ma jkunx opportun li David Vincenti jigi fdat f'sitwazzjonijiet hekk. Tajjeb li jinghad li ahna ma jkollniex kontroll fuq fejn ser jinbaghat jahdem l-individwu wara li jkun gab il-licenzja.*

It-Tribunal jibda biex josserva li ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 25(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta dikjarazzjoni ta' htija ghal reat li dwaru ssir Ordni ta' Probation ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu ghat-twettiq ta' dak ir-reat ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini li jigi determinat jekk huwiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tinghata licenza ta' Gwardjan Privat. Ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija

[13] Fol. 62 u 63 tal-process.

gustament ha dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat.

Minn ezami tal-provi prodotti u partikolarment fid-dawl ta' dak li rrizulta mix-xhieda tal-Psikologu Kevin Sammut Henwood[14], il-Psikologu li jsegwi lir-Rikorrent, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Kummissarju tal-Pulizija gustament wasal ghall-konkluzjoni li ma huwiex fl-interess pubbliku li r-Rikorrent jinghata licenza ta' Gwardjan Privat.

It-Tribunal huwa konvint li r-Rikorrent ghandu l-volontà u determinazzjoni necessarja biex jidhol u jirnexxi fid-dinja tax-xoghol u dana anke kif jirrizulta mid-diversi korsijiet li segwa u r-rizultati u konsegwenti certifkati li ottjena. Madanakollu però ma jfissirx li x-xoghol ta' Gwardjan Privat – kif dettaljatament imfisser fit-tifsira ta' "servizzi ta' gwardjani privati" fl-Artikolu 2 tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta – huwa x-xoghol idoneju ghalih.

Mill-provi jirrizulta li r-Rikorrent ghandu bilanc psikologiku delikat u fil-fehma tat-Tribunal id-doveri ta' Gwardjan Privat huma tali li jaghtu lok ghal sitwazzjonijiet – mhux necessarjament dawk li fuqhom sahaq il-Kummissarju tal-Pulizija, izda anke sitwazzjonijiet ta' konfrontazzjoni li jaghtu lok ghal *stress* u tensjoni – li certament ikunu ta' dannu ghall-istat psikologiku tieghu u facilment ihottu dak kollu li r-Rikorrent u l-Psikologu tieghu – flimkien ma' nies ohra – hadmu fuqu biex jibnu is-*self esteem* tieghu. Ghalhekk huwa r-Rikorrent li huwa l-iktar wiehed a riskju kemm-il darba kellu jithalla jaghmel xoghol ta' Gwardan Privat, u dana naturalment ikun ukoll ta' detriment ghas-socjetà.

Ta' rilevanza ghall-finijiet ta' din il-konsiderazzjoni huma l-osservazzjonijiet tal-Psikologu Kevin Sammut Henwood[15] fis-sens illi biex ir-Rikorrent ikun jista' jiffaccja sitwazzjonijiet ta' *stress* jew tensjoni jkun ahjar jekk oltre li jinghata tahrig ta' *security* jinghata tahrig psikologiku wkoll

---

[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Settembru 2012, fol. 81 sa' 84 tal-process.
[15] *Ibid.*

u li min jhaddmu jkollu juza d-diskrezzjoni tieghu dwar l-inkarigi partikolari li jinghatawlu, sitwazzjoni din ta' l-ahhar li t-Tribunal difficilment jaraha tigri fil-prattika.

B'hekk ghalkemm ir-Rikorrent certament ma huwiex ta' xi minaccja ghas-socjetà, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess Rikorrent kellu jinghata licenza ta' Gwardjan Privat dan ikun ta' gid ghalih u ghas-socjetà. Konsegwentement ghalhekk ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhareg licenza ta' Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.

Ghaldaqstant, ghalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx gustifikat f'li jichad it-talba tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenza ta' Gwardjan Privat in bazi ghall-Artikolu 10(a)(vi) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta – ossia in bazi ghall-konsiderazzjoni li r-Rikorrent instab hati f'Malta ta' reat li jaffettwa l-bon ordni tal-familji – l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu bl-ittra datata 16 ta' Novembru 2011, ma jisthoqqx li jigi milqugh in kwantu l-Kummissarju tal-Pulizija kien gustifikat f'li jichad it-talba tieghu in bazi ghall-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Ligijiet ta' Malta – ossia fuq konsiderazzjoni ta' interess pubbliku. Fic-cirkostanzi però t-Tribunal iqis li l-ispejjez relattivi ghal dan il-kaz ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jichad l-appell interpost mir-Rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu bl-ittra datata 16 ta' Novembru 2011.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn ir-Rikorrent u l-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------